**Lilek għażiż ħuna Francesco**

Imsieħeb mal-familja tiegħek
Insellimlek għażiż ta' qalbna,
L-umiltà w sempliċità tiegħek
Jibqgħu inebbħu lil dan talbna.

Għalina tibqa' d-dawl fis-sema
Li joħodna flimkien għand Ġesù,
Għax fis-skiet taż-żgħożija tiegħek
Għallimtna bil-bosta tant virtù.

Minn hemm fuq Francesco ħabibna
Issokta aħdem u la tieqafx,
Itlob, itlob b'qawwa għalina
Li nkunu bierda dan ma jixraqx.

Għinna ngħixu r-rigal tal-fidi
Immorru għall-quddies u għall-qrar,
Qabbadna Fran it-triq tal-ġenna
Warrabna mill-ħażen, dak imrar.

U bilħaqq, għid naqra 'l Marija
Ommna u Sidtna minn tal-Grazzja,
Li rriduha b'saħħa f'ħajjitna
Ħa teħlisna minn kull diżgrazzja.

Ħeġġiġna ħuna ħalli naħfru
Żmien x'naħlu fil-ħajja żgur m'għandniex,
Oh x'barka tkun għalina meta
f'qalbna mibegħda ma jibqagħlniex.

Jibqagħlna biss il-paċi kbira
Li jaf jagħti t-twajjeb Mislub,
Għax Hu biss li ħafer minn qalbu
Kien, għadu u jfejjaq ħafna qlub.

Francesco, ħuna ilkoll ħarisna
Imxi magħna u fakkarna,
Li d-destinazzjoni tagħna
Hi s-Sema, għax dik hi darna

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.